**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 239 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ryan Vella)**

**vs**

**Peter Paul Muscat**

Illum, 16 ta' Frar, 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Peter Paul Muscat detentur tal-karta tal-identita 614433(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-4 ta' Marzu, 2020, u fil-granet u x-xhur ta' qabel gewwa l-livell tal-garaxxijiet tal-fond San Jose, Flat 1, Plajjet Bognor, San Pawl il-Bahar:

Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorità tieghu nnifsu lil Monica Deguara u lil Sandra Camilleri ihallsu dejn, jew jesegwixxu obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lill-istess Monica Deguara u lil Sandra Camilleri fil-pussess ta' hwejjighom, jew hatt bini, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjighom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Novembru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 (1) tal-Kodici Kriminali iddikjarat lill-imputat Peter Paul Muscat hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitt ewro (€100).

Rat ir-rikors tal-appellanti Peter Paul Muscat minnu pprezentat fis-17 ta' Novembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja u tibdel s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sejbien ta' htija taht l-imputazzjoni dedotta kontrih u konsegwentament tilliberah minnha.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. Dwar l-apprezzament tal-provi prodotti**

A.1. Generali

Illi permezz ta' dan l-umli appell, l-esponenti jikkontendi illi fuq skorta tal-provi akkwiziti mill-ewwel Onorabbli Qorti, ma javverawx l-estremi li jsawwru r-reat ta' *raggion fattasi* kif kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. Denise Caruana'[1] tistipula li:

*"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli. L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."*

Gie diversament ritenut f'sentenzi moghtija mill-Qrati taghna, li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *raggion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma erbgha (4) u cioe':

1. Att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;
2. Il-Kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta' dritt;

[1] Deciza nhar it-30 ta' Novembru, 2016 per Onor Imhallef E. Grima

3. Il-koxjenza fl-agent li hu qiegħed jagħmel "di braccio privato" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika; u
4. In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Illi biex jissustitwixxi dan ir-reat, irid jiġi pruvat l-erba' elementi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u mhux xi wieħed minnhom biss.

**A.2. Ness bejn l-att spoljattiv u l-appellant**

*In linea* preliminari, l-appellant jibda billi jindirizza proprju l-ewwel element, supra-elenkat, ossia l-element materjali li jsawwar ir-reat ta' *raggion fattasi*. Sabiex tinstab ħtija, irid jiġi ppruvat sal-grad rikjest mill-liġi li l-persuna mixlija wettqet att spoljattiv. Ikun għalhekk jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li mhux biss tressaq il-prova tal-att li hija qegħda tirreklama bħala spoljattiv izda proprju toħloq ness bejn l-att spoljattiv u l-persuna mixlija.

Fil-kaz odjern, tifli kemm tifli l-atti processwali, jemerġi illi l-ewwel Onorabbli Qorti, meta għaddiet in ġudikat u sabet ħtija fl-appellant, naqqset li tapprezza li huma mankanti is-segwenti żewġ provi, liema provi kellhom, fl-umli fehma tal-appellant, jitqiesu bħala krucjali biex ikun identifikat l-attur tal-att allegatament spoljattiv:
(1) Il-prova ta' min tgħajjat il-vettura, *ossia* fuq min hija registrata l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni 'KBW 278', u minn huwa awtorizzat li jsuqha, u;

(2) Il-prova li *di fatti* turi min kien l-individwu li effettivament ipparkeġġja l-vettura bil-mod lanjat mill-kwerelanti, *ossia* Monica Deguara u Sandra Camilleri.

Fis-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti irritienet hekk:

> "*Gara pero li missierhom, l-imputat [ossia l-appellant odjern], beda jipparkja l-vettura tiegħu barra l-parking bay riservata għalih biex b'hekk kienet qiegħda tingombra l-passaġġ għal-lift u għat-tarag li jagħti għal-livelli soprastanti.*"

Ma dan l-insenjament l-appellant b'kull rispett ma jaqbilx u f'dan l-isfond gustament jistaqsi s-segwenti mistoqsijiet:

(1) Kif setghet l-ewwel Onorabbli Qorti taqbad u tassumi li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni 'KBW 278' hija tal-esponenti meta fl-ebda waqt ma tharrek sabiex jiddeponi rappresentant ta' Transport Malta sabiex jikkonferma fuq min hija registrata l-istess vettura?

(2) *Oltre* minn hekk, kif setghet l-ewwel Onorabbli Qorti taqbad u tassumi li kien proprju l-appellant li pparkeggja tali vettura bil-mod lanjat mill-kwerelanti meta ma ngiebet ebda prova f'dan ir-rigward?

Li jitharrek rappresentant ta' Transport Malta sabiex jikkonferma fuq min ikunu registrati vetturi hija prassi regolarment imhaddna fil-Qrati taghna. Din tikkostitwixxi prova li minkejja li hija bazilari hija wkoll krucjali. Krucjali ghaliex hija prova imparzjali li ma jista jmeriha hadd.
Quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, il-prosekuzzjoni ghogobha tistrieh unikament fuq il-kelma tal-kwerelanti Monica Deguara u Sandra Camilleri minflok tharrek ufficjal in rappresentanza ta' Transport Malta u ghalhekk ma seta qatt jigi sodisfacentament verifikat lil min addirritura tghajjat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni 'KBW 278'. Kif tista, ghalhekk, l-ewwel Onorabbli Qorti purament tistrieh fuq dak sostnut mill-kwerelanti, li kellhom kull interess li tinstab htija fl-appellant, meta l-aqwa prova setghet facilment tigi prodotta billi jingieb sabiex jixhed rappresentant ta' Transport Malta?

Jigi mfakkar illi l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jistipula illi:

> "Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfaccenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti."

*Di piu'* l-artikolu 520 (1) (d) tal-Kodici Kriminali jistipula li l-artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ghandu japplika wkoll ghall-Qrati tal-gustizzja Kriminali. Artikolu 559 jistipula li:

"Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."

Infatti dawn l-artikoli jitkellmu fuq il-*'best evidence rule'*. F'dan il-kuntest jehtieg issir referenza ghal dak sostnut mill-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Julian Cutajar'</u>**[2]:

> *"Il-"best evidence rule" hija riprodotta fil-Ligi taghna fl- Artiklu 638 tal-Kap 9 fejn is-sub Artiklu 1 jghid: "Bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma tithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti". Dan l-Artiklu jibda bil-kliem, "Bhala regola", dana ma jfissirx illi ghandu jsir hekk kull darba illi l-Prosekuzzjoni jkollha xi provi izda jkun desiderabli illi jsir hekk. Jekk il-Prosekuzzjoni zzom lura xi prova ghal xi raguni jew ohra dana jista jippregudika biss l-kaz taghha, pero' ma jfissirx illi b'daqshekk m'ghandiex taghti kaz il-provi l-ohra li tkunu gabu."*

Di piu, kif gie ritenut fil-kawza '**<u>Il-Pulizija v. Nazzareno sive Reno Zarb</u>**[3]

> *"Illi l-artikolu 638 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li "Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti…" u dan in omagg ghar-regola tal-"best evidence". Illi appropozitu l-ARCHBOLD "Criminal Pleading Evidence and Practice"*. (p.347) jghid :-

[2] Deciza nhar is-27 ta' Settembru, 2012 per Onor. Imhallef M. Mallia.
[3] Deciza nhar il-31 ta' Awwissu, 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef J. Galea Debono.

> *"It is a general rule that the best evidence of which the nature of the case will admit must be produced, if it can possibly be obtained; if not, then the next best evidence that can be obtained is admitted…... Therefore before secondary evidence is offered, a foundation for it must first be laid, by proving that evidence at first hand cannot be obtained."*

Fl-umli fehma tal-appellant, fil-kaz odjern jemergi bic-car illi Prosekuzzjoni naqqset milli tipproduci "l-*prova l-aktar shiha u sodisfacenti."* Fl-assenza ta' tali prova ma setgha qatt jinghad illi effettivament kien l-esponenti illi proprju pparkeggja l-vettura gewwa l-parking area de quo.

Dana qieghed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt li mill-atti ma jemergix li hemm xi xhud li proprju lemah lill-appellant jipparkja l-karozza u di piu lanqas ma gie f'xi punt ammess mill-appellant innifsu li l-vettura de quo hija tieghu u/jew li jsuqha hu biss u dana stante li huwa ghazel li jezercita' d-dritt tieghu li ma jixhidx.

Ghaldaqstant l-appellant jikkontendi illi stante li mir-rizultanzi processwali jezistu dubji cari dettati mir-raguni dwar jekk kienx proprju huwa li wettaq l-att materjali rikjest sabiex jussissti r-reat ta' raggion fattasi, tali incertezzi kellhom jimmilitaw favur tieghu u jwasslu ghal-liberatorja tieghu.

L-appellant umilment jishaq illi fil-kaz odjern is-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti mhix wahda safe and satisfactory ghaliex il-provi migjuba fil-konfront tieghu zgur li m'humiex bizzejjed sabiex jeliminaw id-dubbji dettati mir-raguni u sabiex joholqu ness bejnu u l-agir allegatament kriminuz. Il-lurking doubt li ghalih tirreferi l-gurisprudenza sia Ingliza u kif ukoll nostrana evidentement fil-kaz odjern jezisti, ghaliex il-provi tal-Prosekuzzjoni ma jilhqux il-livell ta' beyond reasonable doubt.

**B. Dwar it-tfixkil fil-pussess**

Dan l-aggravju qieghed jingieb strettament minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti;

Element li l-prosekuzzjoni kien jehtigielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni huwa li bl-agir tal-appellant, il-kwerelanti gew spoljati fil-pussess ta' hwejjighom.

Jigi mfakkar li l-appellant jigi missier il-kwerelanti. Kien l-istess appellant li kkonferixxa lill-kwerelanti Monica Deguara u Sandra Zammit b'titolu ta' donazzjoni il-fond de quo ossia l-fond konsistenti fi blokk ta' appartamenti bl-isem 'San Jose, Plajjet Bognor' gewwa San Pawl il-Bahar u dana kif registrat in atti.

Wara li l-appellant ghamel dan kollu maghhom, il-kwerelanti kellhom il-wicc jaghmlu kwerela kontra missierhom stess ossia l-appellant purament ghaliex skonthom beda jipparkeggja l-vettura tieghu gewwa l-base level tal-fond koncernat b'mod li beda jfixxkilhom fil-pussess ta' hwejjighom;

Tali tfixkil, skont il-kwerelanti, bed jsir billi l-appellant beda jipparkeggja l-vettura tieghu b'tali mod li beda jostakola l-mghoddija li taghti ghall-lift u ghat-tarag li jaghti ghall-livelli soprastanti.

Fid-deposizzjoni taghha, l-kwerelanta Monica Deguara ta' nhar it-3 ta' Novembru 2020, qalet hekk:

> "*Xhud:* *All right? Issa li gara hu li Peter Paul Muscat beda jipparkja go spazju fejn hemm, kien free biex ghaddu ghal-lift, ma tistax tghaddi sewwa plus li lili qed jizgumbrali l-parking biex tidhol u nohrog bil-liberta*"

F'dan l-isfond, l-esponenti jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti tifli sewwa ir-ritratti esebiti in atti mill-prosekuzzjoni stess a fol. 7 et sequitur.

Dawn ir-ritratti mhux talli ma jikkorroborawx dak sostnut mill-kwerelanti talli bil-kontra juru li la l-passag ghall-lift u t-tarag ma hu fil-verita mblukkat jew xorta'ohra ostakolat u lanqas ma jidher li s-Sinjura Monica Deguara ghandha l-parking bay taghha zgombrata!

Dan huwa b'mod specjali evidenti fir-ritratti esebiti u mmarkati bhala Dok MD1 u Dok MD2 li kjarament juru li bejn vettura u ohra hemm spazju ta' mill-inqas metru u certament wiehed kapaci jghaddi minn dak l-ispazju facilment u bil-kumdita kollha!

Xi tfixkil fil-pussess hemm jekk il-passagg li l-kwerelanti qeghdin jghidu gie ostakolat ma huwa filfatt ostakolat xejn? Hawnhekk ghandna proprju kaz fejn il-kelma tal-kwerelanti giet kontradita bil-provi li gew ammessi minnhom stess! Ghandna proprju kaz fejn ulied kienu lesti li jixlu kriminalment lil missierhom purament ghal xi haga ghall-ahhar frivola. Donnhom nessew li kieku ma kienx ghall-missierhom ossia l-appellant, il-pussess li qed jallegaw li gew imfixxkla fih ma kien ikollhom ebda pussess ghalih!

Ghalhekk, f'dan l-isfond, ir-ritratti su riferiti esebiti in atti juru car kristallin illi l-mghoddija li taghti ghal-lift u t-tarag ma humiex ostakolati u ghalhekk l-element materjali rikjest sabiex jigi ppruvat ir-reat ta' raggion fattasi ma javverrax ruhu.

**<u>C. Ftehim inezistenti</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb strettament minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti;

Fis-smiegh ta' nhar it-3 ta' Novembru 2020, id-difiza esebiet Dok AA, konsistenti f'kuntratt ta' donazzjoni relattiv ghall-fond 'San Jose, Plajjet Bognor, San Pawl il-Bahar'.

Jekk wiehed jifli l-kontentut ta' dana l-kuntratt, ser jemergi li mill-pjanta annessa, l-ispazju fil-base level fejn fih kienet qeghda tigi pparkegga il-vettura min-numru ta' registrazzjoni 'KBW 278' huwa poprju intiz sabiex addirittura jservi ta' parking bay. Dan huwa l-istess spazju li fuqu l-kwerelanti sejsu l-ilment taghhom;

In-kontro ezami, il-kwerelanta Monica Deguara ittentat tirribadixxi dan il-fatt billi qalet li in segwitu ghall-ifinallizzar tal-kuntratt kien sar ftehmin bejnha, huta u l-appellant li fil-base level tal-fond kellu jkun hemm biss sitt parking bays u li l-ispazju li fuqu l-kwerelanti sejsu l-ilment taghhom ma kienx kopert b'dawn il-parking bays.

Pero b'kull rispett, dan il-ftehim fejn jinsab? Kif setghet l-ewwel Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni ta' ftehim li qatt ma gie esebit in atti?

Kien ghal kollox inutli ghall-kwerelanta Monica Deguara li tinsisti li sar ftehim li fil-base level de quo ghandu jkun hemm sitt parking bays meta dan il-ftehim huwa

inezistenti. In atti hemm esebit kuntratt bi pjanta li kjarament turi li l-ispazju mertu tal-ilment de quo huwa intiz li jservi ta' parking bay u ghalhekk, hija l-umli fehma tal-appellant li l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tistrieh fuq kuntratt esebit in atti u mhux fuq ftehim li frankament huwa inezistenti!

Kif setghet qatt l-ewwel Onorabbli Qorti issib htija fl-appellant talli pparkja l-vettura tieghu f'post li fil-pjanta relattiva huwa indikat bhala parking bay? Fejn tinsab l-exercise of a pretended right?

Bhal kull reat iehor, ir-reat ta' raggion fattasi ghandu wkoll l-element formali tieghu u hu appuntu dan l-element li l-ewwel Qorti kellha dmir u l-obbligu legali li tixtarr ukoll. Skond sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet 'il-Pulizija v. John Dimech' deciza nhar l-24 ta' Gunju 1961:

> *"id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat, jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu".*

Fir-rigward tal-element formali tar-reat ta' raggion fattasi, il-prosekuzzjoni kellha d-dmir legali li tipprova lil hinn minn kull dubju ragonevoli li l-appellant wettaq l-att materjali bl-intenzjoni u l-konoxjenza hekk kif rikjesti mil-ligi.

Fi kliem il-gurista **Antolisei:**

> *"quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisec il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico."*

Ghaldaqstant, il-prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali li tipprova li l-appellant agixxa bil-hsieb specifiku li jezercita dritt li jahseb li kellu kif ukoll li kien konxju tal-fatt li l-

agir tieghu kellu jsir permezz ta' awtorita' pubblika, prova li l-prosekuzzjoni naqqset li tressaq quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi l-appellant kien ittrasferixxa b'titolu ta' donazzjoni proprjeta' lil uliedu l-kwerelanti Sandra Camilleri u Monica Deguara;

2. Jirrizulta li fil-blokka ta' appartamenti in kwistjoni kien hemm garaxx b'numru ta' parking spaces;

3. Jirrizulta li saru numru ta' kwereli da parti ta' Sandra Camilleri u Monica Deguara fil-konfront tal-appellant, fejn gie allegat li l-appellant kien qed jimblokka access ghal lift u tarag komuni bil-vettura tieghu fil-livell tal-garaxxijiet ta' din il-blokka kif ukoll il-parking bay tal-kwerelanta Monica Deguara;

4. Illi fl-ahhar kwerela datata l- 5 ta' Marzu 2020 gie anke allegat l l-appellant fl- 4 ta' Marzu 2020 u fil-granet ta' qabel, kien ingombra access ghal lift u tarag komuni billi penga mal-art post fejn tigi pparkeggiata vettura fil-livell tal-garages fil-blokka San Jose Plajjet Bognor San Pawl il-Bahar. Li konsegwentement imblokka l-access ghal lift u ghat-tarag mizmum in komun kif ukoll il-parking bay tal-kwerelanta Monica Deguara;

5. Illi ghalhekk inharget l-imputazzjoni fil-konfront tal-appellant.

Fis-seduta tat- 3 ta' Novembru, 2020 quddiem l-Ewwel Qorti il-Prosekuzzjoni esebit tlett (3) kwereli u hdax (11)-il ritratt. Dawn il-kwereli huma datati l- 4 ta' Settembru 2019, l- 20 ta' Jannar, 2020 u l- 5 ta' Marzu, 2020. Ghalkemm dawn il-kwereli jindikaw li kien hemm ritratt anness, ma jirrizultax jekk ir-ritratti u liema mir-ritratti esebiti fl-atti huma dawk li kellhom ikunu annessi mal-kwereli. Skond il-verbal tas-seduta tat- 3 ta' Novembru 2020 waqt ix-xhieda ta' Monica Deguara, tnejn mir-ritratti

esebiti mill-Prosekuzzjoni gew immarkati bhala Dok MD1 u Dok MD2 u d-difiza esebiet Dok.AA kopja ta' kuntratt ta' donazzjoni[4].

**Monica Deguara** xehdet fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 2020 fejn spjegat li kellhom isiru dawn il-kwereli minhabba li fil-garaxx hemm six parking bays. Spjegat li qeghdin nitkellmu 'San Hose Bugibba.' Hemm blokka ta' sitt appartamenti fejn hemm garaxx inkluz b'sitt parking bays u gew immarkati bil-perit. Kulhadd ftiehem li kien hemm sitt parkeggi u ilhom mill-2016. Kulhadd immarkat bil-bay tieghu jigifieri kulhadd jaf fejn hu postu. Spjegat li '*Peter Paul Muscat beda jipparkja go spazju fejn hemm, kien free biex ghaddu ghal-lift, ma tistax tghaddi sewwa plus li lili qed jizgumbrali l-parking biex tidhol u nohrog bil-liberta' kollha.*'

Mistoqsija dwar ir-ritratt immarkat bhala dokument MD1 spjegat li dan ir-ritratt qed jindika l-post li tipparkja hi. Hija l-parking bay taghha u li '*dan hawnhekk fejn kien hawn l-ispazju vojt. Sewwa? Igifieri hemmhekk m' hemmx parking bay.*' Spjegat li '*Dan ghandu parking bay imma fid-daqqa u l-hin hareg 'il barra, ipparkja.*' Mistoqsija jekk qieghda taghraf il-karozza fir-ritratt wiegbet '*Din il-karozza tieghu.*', '*Il-karozza ta' Peter Paul Muscat.*' Jigifieri ta' missierha. Xehdet li '*Irridu nghaddu minn hawn. Ma nistghux nghaddu sewwa bl-affarijiet.*' Spjegat li '*Hawnhekk tidhol hekk ghal-lift.*' Xehdet '*Plus li jiena l-parking bhalma diga' spjegajtlek nehhieli l-liberta' li nidhol u nohrog bil-liberta' assoluta.*' Xehdet li '*Din il-karozza hija ta' Peter Paul Muscat hawnhekk fejn qed jizgombra l-ispazju.*' Xehdet li r-ritratti '*ittiehdu way back 2018 19 xi haga hekk.*' Tghid '*2019. Ghax ahna ilna ghamilna l-kwerela. Tlieta ghamilna.*' Ikkonfermat li ttiehdu qabel ma saret il-kwerela. Kompliet tispjega r-ritratti, fosthom li '*Din ohra li qieghda fl-ispazju hawnhekk. Issa, hawnhekk qed dana l-karozza li qieghda 'l barra. Hu suppost ipparkja hawnhekk proprja' jigifieri fejn hemm parking bay vojta.* Dan ir-ritratt ghandu numru tlettax (13). Spjegat li '*hawnhekk il-parking tieghi li qed itellef lili.*' Il-karozza l-bajda taghha, qed itellifha d-dhul u l-hrug bil-liberta' kollha u access ghal lift, qed '*jizgombra hawnhekk meta suppost hu jipparkja hawnhekk*'. Xehdet li l-vettura tas-Sur Muscat hija tal-ghamla 'Nissan' griza metallic. Mistoqsija '*bil-karozza hemmhekk ipparkjata biex tidhol ghal-lift inti x'taghmel? Xi trid taghmel?*' wiegbet '*Ovvjament hux*

[4] Dan il-kuntratt huwa bejn Peter Paul Muscat bhala 'Donor' u Monica Anne Deguara bhala 'donee' Jirrizulta li din il-kopja tal-kuntratt ta' donazzjoni prezentata mhijiex kompleta tant li bejn fol 36 u fol 37 tal-atti processwali jirrizulta li hemm pagna vojta u ghalhekk hemm pagna jew aktar nieqsa.

*tkun ghaddej bl-oggetti trid iddur u trid tgholli l-affarijiet. Ma tistax tghaddi sewwa...*' Mistoqsija jekk hemm raguni ghala mhux jipparkja fil-bay li ftehmu fuqha wiegbet '*Ma nafx x'inhi r-raguni. Naf li - Ma nafx x'inhi r-raguni l-ghala. Jien kellimtu personalment igifieri kemm-il darba. Jibda jghajjat ghax ma tirragunax mieghu. Imma jekk ahna kulhadd ghandu l-parking bays. Ghax qed itellifni igifieri wrejtu qabel ma bdejt naghmel il-kwerela.*'

Ikkonfermat li fil-parking bay tieghu ikun hemm karozza ipparkjata li hi ta' huha. Spjegat li '*Din it-tieni karozza tieghu li jipparkja hija ghax ahna kollha ghandna parking bay kull wiehed. All right? Igifieri t-tieni karozza tieghu jipparkjaha fejn suppost jipparkja missieri sewwa.*' Xehdet ukoll li tipparkja ohtha ukoll meta jkun vojt '*akkost ta' kollox li taghha jkun vojt*'. Ohtha jisimha Caroline. Ilhom juzghu l-parking mit-2016. L-incident gara 2019. Mistoqsija '*Igifieri mit-2016 sat-2019 il-lift qatt ma kien ikun ingumbrat u dik il-karozzza ma kinitx tkun ipparkjata hemmhekk.*' wiegbet '*Ezatti*'. Ikkonfermat li kienet tkun ipparkjata fil-post. Spjegat li '*gieli pparkjat it-tifla t'ohti imma on and off igifieri gbidt l-attenzjoni tal-condominium imma l-affarijiet baqghu jiggravaw.*'

In kontro-ezami wara li d-difiza prezentat id-dokument immarkat AA mistoqsija li skond dak il-kuntratt ta' donazzjoni meta '*l-pa*' taghha l-proprjeta' li hi tghix fiha, ikkonfermat dan. Ikkonfermat li fil-kuntratt hemm pjanta tal-garaxx, qalet li '*Go din li qed nara m'ghandix il-parking bay immarkata li hi tieghi.*' Hi immarkat bl-ittra 'X' l-parking bay taghha, tghid '*Ghamiltu fuq barra l-X jiena*'. Ikkonfermat li qabel ma sar il-kuntratt ma kellha l-ebda dritt hemmhekk. Giet mitluba timmarka bl-ittra 'Y' fejn hu l-post li qed tallega li jipparkja missierha. Mistoqsija jekk fuq il-pjanta fejn immarkat 'Y' jekk hemm parking space, spjegat '*inholoq mill-MEPA biex jiffrankaw il-multi u dak jafu diga*'*, all right? U ahna ftehimna li six parking spaces ha jkun hemm. Igifieri hemmhekk kont naf li mhux se jsir parking space.*' Xehdet li '*Il-ftehim kien car illi hemmhekk ha jsir six parking space ghax dan jaf li ha jizgombra lili.*' Il-ftehim sar bejn kollha ghax iddonalhom flat. Ikkonfermat li inkluz missierha. Ghazel hu l-parking fejn qieghed hu. Il-ftehim sar bejniethom. Meta saru l-linji sofor, l-amministratur la kienet hi u lanqas ohtha. Kellhom administrator u dawn gew immarkati mill-ufficju tal-perit. Mistoqsija jekk hi qalet jew ohtha qalet lil ufficju tal-perit biex ma jimmarkawx parking space wiegbet li l-perit kien jaf, hu mmarkahom. Il-garaxx anke ckien mill-

pjanta. Hi ma qaltlux u '*ohti l-perit li ghamilhom dawk*.' Xehdet li l-perit immarka il-qisien.

In ri-ezami  mistoqsija dwar karozza bl-ittra mmarkata Z wiegbet li hemmhekk hadd ma jipparkja ghax mimli bl-imbarazz hemmhekk. Ta' hadd ma hu dak il-parking bay, hadd ma jipparkja.  Il-parking space sar biex jiffrankaw il-multi li jhalsu l-car park. Kien hemm tnejn. Karozza ma tidholx hemm gew, lanqas tiftah bibien avolja hemm parking space. Xehdet li '*Ahna tajna donazzjoni u hrigni xi flus ukoll hux*.'

Kopja ta' kuntratt ta' donazzjoni jinsab a fol 35 et sequitur immarkat bhala Dok AA[5]. Jirrizulta li gew prezentati numru ta' pjanti u dikjarazzjonijiet fosthom dokumentazzjoni u site plans u pjanti bit-timbru tar-'*REĠISTRU TA' L-ARTIJIET*', dikjarazzjonijiet tal-Perit Mark Camilleri u '*AVVIZ TA' TRASFERIMENT INTER VIVOS TA' PROPRJETA' IMMOBBLI LI GHANDU JINGHATA SKOND L-ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI U L-ATTI DWAR IT-TAXXI.*'

**Sandra Camilleri** xehdet fis-seduta tat- 3 ta' Novembru, 2020. Spjegat li qed jitkellmu fuq blokka jisimha '*San Hose*' li fiha sitt appartamenti b'sitt car spaces.  Ila tabita hemmhekk mill-elfejn u sittax (2016) u kien hemm ohrajn qabilha.  Mistoqsija kif gew identifikati dawn is-sitt parking spaces, wiegbet li '*kellna condominium ahna, gie l-perit immarka l-car spaces, sitta*.' L-amministratur qal lil perit biex jimmarka il-car spaces. Kellhom meeting fil-condominium u kellhom l-administrator. Mistoqsija qablux maghhom wiegbet li qablu maghhom ghax minn dejjem hekk kien il-ftehim. Tghid '*Minn qabel ma saret - Jiena hdimt hafna fil-progett igifieri u minn mindu - Minn dejjem konna nghidu six apartments, six car spaces.*' Tpingew sitta u baqghu hekk. Minghaliha li l-ewwel kwerela ghamluha fl-erbgha (4) ta' Settembru. Spjegat li '*Beda jipparkja l-karozza Peter Paul Muscat li huwa d-daddy.*' L-ewwel kwerela saret fl- 4 ta' Settembru 2019. Tghid li fis-sajf kien diga' beda jipparkja hemmhekk. Ovvjament beda jimblokka l-via ghal lift u jaqla' tfixkil ukoll ghal ohtha biex tidhol u tohrog mill-parking bay taghha li qieghed vicin. Ohtha Monica Deguara. Mistoqsija jekk kelmitux personali wiegbet '*Le dazgur. Kellimtu fuqha. Waqt laqghat fil-condominium*

[5] Dan il-kuntratt huwa bejn Peter Paul Muscat bhala 'Donor' u Monica Anne Deguara bhala 'donee' .Jirrizulta li il-kopja tal-kuntratt ta' donazzjoni prezentata mhijiex kompleta tant li  bejn fol 36 u fol 37 tal-atti processwali jirrizulta li hemm pagna vojta u ghalhekk hemm pagna jew aktar nieqsa.

*konna nghidu li bhal speci -*'. Mistoqsija x'kienet ir-risposta wiegbet '"*Hemmhekk tieghi. Hemmhekk kullimkien tieghi*" *ghax hekk jghidilna.*'

Spjegat li '*Din. Dan tieghu ukoll. Dan il-parking bay li mmarkat bl-isfar. Kien jipparkja hemmhekk u jhalli dak vojt.*' Mistoqsi x'inhu l-inkonvenjent li ssofri meta l-karozza tieghu tkun hemmhekk wiegbet '*Ma tkunx tista*' - *Hawnhekk ghandna l-lift ahna. Biex tghaddi wahdek ukoll problema ahseb u ara jkollok xi affarijiet x'iggorr u anke din biex tohrog u tidhol dan l-ispazju kien dejjem miftihem ahna li nhallu ghalhekk ghamilna sitta. U filfatti hu ghazlu dan il-parking space hawnhekk. Biex hawnhekk ikun hawn spazju ghal manuvrar. Manuvraw ghall-karozzi u manuvrar anke biex inti tidhol u tohrog, loading and unloading fil-lift.*' Ziedet tghid li '*hawnhekk m'hawnx wisa*' *fejn joqoghdu zewg karozzi ghax il-bini ma nbeniex - Dawn il-pjanti saru qabel ovvjament ma nbena. Meta nbena l-bini bil-limitazzjonijiet kellna naghmlu hitan, kellna nergghu naghmlu qoxra. Igifieri djieq.*' Spjegat li '*hadna parir anke minghand fire engineer igifieri biex jekk ikollna xi problema jghidilna speci u qalilna "le, hawnhekk qieghed hazin. Ma tistghux". U hadna parir minghandu. Filfatt ghamlilna rapport fuqu.*' Ikkonfermat li waqt nar ma tistax tuza lifts imma t-tarag trid tuzah u t-tarag qieghed hemmhekk ukoll. Ikkonfermat li l-lift u t-tarag hdejn xulxin qeghdin. Ikkonfermat li bil-karozza mhux l-access tal-lift biss jinghalaq, izda t-tarag ukoll. Mistoqsija dwar kuntratt u pjanta mal-kuntratt b'aktar minn sitt parking spaces, ikkonfermat dan. Hi mmarkat il-parking space taghha bl-ittra 'S'. Spjegat li l-parking spaces saru biex huma jiffrankaw il-multi. Dwar dawk immarkati bhala 'Y' 'Z' spjegat li '*fiz-Z lanqas tidhol u lanqas hawn. Y u Z dawk saru biss biex ahna niffrankaw il-multi tal-car spaces kemm jista*' *jkun u frankajna vera. Frankajna tnejn.*' Ghalhekk saru, il-bqija lanqas tregi. Iz-Z '*ma tidholx. Dak mimli mbarazz. Lanqas tidhol hemm gew. Ghax qed nghidlek, meta tibda tibni u twaqqa*' *tibda tiskopri certu diffikultajiet u l-bini kellu bzonn jigi rinfurzat u hafna minn dawn l-affarijiet.*' Tghid li l-ftehim dejjem hekk kien.

In kontro-ezami ikkonfermat li dik hija l-pjanta li hemm fil-kuntratt taghha, mistoqsija '*Jigifieri fil-kuntratt tieghek hemm li hemmhekk huwa parking space.*' wiegbet '*Imma l-ftehim ma kienx hekk.*' Mistoqsija '*Mhux "imma". Iva jew le sinjura hu pacenzja wiegeb id-domanda. Iva jew le.*' wiegbet '*Ehe dazgur. Mhux din hi? Din hi.*'

L-imputat kif kellu dritt li jaghmel, ma xehdx f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat;

L-ewwel aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi prodotti. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal għal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Robert Vella) Vs Carmel Azzopardi'**[6]

*'Illi l-aggravju principali ta' l-appellant hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li instemghu quddiema. Issa hu principju ormai stabbilit fil- Gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti, jekk tasal ghal konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha.*

*Fi kliem iehor din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l- ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiema ma setghetx ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha allura din tkun raguni valida jekk mhux ghad-direttura impellanti sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-deskrizzjoni u konkluzzjoni (ara fost ohrajn '**Il-Pulizija vs Raymond Psaila et'** 12 ta' Mejju 1994).'*

L-appellant jissottometti li fuq skorta tal-provi, ma javverawx l-estremi li jsawru r-reat ta' raggion fattasi kif kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jaghmel referenza ghall-erba' elementi kostituttivi tar-reat ta' raggion fattasi taht l-**artikolu 85 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jissottometti li huma:

1. Att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;

2. Il-kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta' dritt;

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru: 127/2011)

3. Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di braccio privato" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika u;

4. In-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi.

In kwantu n-ness bejn l-att spoljattiv u l-appellant, gie sottomess li sabiex tinstab htija irid jigi ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-persuna mixlija wettqet att spoljattiv. Ikun ghalhekk jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li mhux biss tressaq il-prova tal-att li hija qieghda tirreklama bhala spoljattiv izda propju tohloq ness bejn l-att spoljattiv u l-persuna mixlija.

Jissottometti li tifli kemm tifli l-atti processwali, jemergi li l-Ewwel Qorti meta ghaddiet in gudikat u sabet htija fl-appellant, naqset li tapprezza li huma mankanti s-segwenti zewg provi, liema provi kellhom fil-fehma tal-appellant jitqiesu bhala krucjali biex ikun identifikat l-attur tal-att allegatament spoljattiv u cioe' il-provi ta' min tghajjat il-vettura, ossia fuq min hija registrata l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni 'KBW 278' u min huwa awtorizzat li jsuqha. In oltre' il-prova li di fatti turi min kien l-individwu li effettivament ipparkeggja l-vettura bil-mod lanjat mill-kwerelanti, ossia Monica Deguara u Sandra Camilleri. L-appellant jistaqsi kif setghet l-Ewwel Qorti taqbad u tassumi li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni 'KBW 278' hija tal-appellant meta fl-ebda waqt ma tharrek sabiex jiddeponi rapprezentant ta' Transport Malta sabiex jikkonferma fuq min hija registrata l-istess vettura? Jistaqsi kif setghet taqbad u tassumi li kien proprju l-appellant li pparkeggja tali vettura bil-mod lanjat mill-kwerelanti meta ma ngiebet ebda prova f'dan ir-rigward? Jissottometti li jitharrek rapprezentant ta' Transport Malta sabiex jikkonferma fuq min ikunu registrati vetturi hija prassi regolarment imhaddna fil-Qrati taghna. Din tikkostitwixxi prova li minkejja li hija bazilari, hija wkoll krucjali. Krucjali ghaliex hija prova imparzjali li ma jista jmeriha hadd. Jissottometti li quddiem l-Ewwel Qorti, il-prosekuzzjoni ghogobha tistrieh fuq il-kelma tal-kwerelanti Monica Deguara u Sandra Camilleri minflok tharrek ufficjal in rapprezentanza ta' Transport Malta u ghalhekk ma seta qatt jigi sodisfacentement verifikat lil min adirittura tghajjat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni 'KBW 278'. Ghalhekk jistaqsi kif l-Ewwel Qorti tista' tistrieh fuq dak sostnut mill-kwerelanti li kellhom kull interess li tinstab htija fl-appellant, meta l-aqwa prova setghet facilment tigi prodotta billi

jingieb sabiex jixhed rapprezentant ta' Transport Malta. L-appellant jaghmel referenza ghar-regola tal-ahjar prova u jissottometti li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci "*l-prova l-aktar shiha u sodisfacenti.*" Li fl-assenza ta' tali prova, ma setgha qatt jinghad illi effettivament kien l-appellant li proprju pparkeggja l-vettura gewwa l-parking area de quo. In oltre' gie sottomess li mill-atti ma jemergix li hemm xi xhud li proprju lemah lill-appellant jipparkja l-karozza u di piu lanqas ma gie f'xi punt ammess mill-appellant innifsu l-vettura de quo hija tieghu u/jew li jsuqha hu biss u dan stante li huwa ghazel li jezercita' d-dritt tieghu li ma jixhidx. Ghalhekk l-appellant jikkontendi li stante li mir-rizultanzi processwali jezistu dubji cari dettati mir-raguni dwar jekk kienx proprju huwa li wettaq l-att materjali rikjest sabiex jussisti r-reat ta' raggion fattasi, tali incertezzi kellhom jimmilitaw favur tieghu u jwasslu ghal liberatorja tieghu. Ghalhekk jishaq li s-sentenza tal-Ewwel Qorti mhix wahda safe and satisfactory ghaliex il-provi migjuba fil-konfront tieghu zgur li ma humiex bizzejjed sabiex jeliminaw id-dubbji dettati mir-raguni u sabiex joholqu ness bejnu u l-agir allegatament kriminuz. Jissottometti li l-*lurking doubt* li ghalih tirreferi l-gurisprudenza sia Ingliza u kif ukoll nostrana evidentement fil-kaz odjern jezisti, ghaliex il-provi tal-Prosekuzzjoni ma jilhqux il-livell ta' *beyond reasonable doubt*.

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti jirrizulta li l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella rapprezentant ta' Transport Malta sabiex jixhed dwar lil min tghajjat il-vettura in kwistjoni izda l-Ewwel Qorti strahet fuq dak dikjarat mill-kwerelanti fix-xhieda taghhom.

L-**artikolu 638 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*(1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*

*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*'

In kwantu l-obbligu tal-Prosekuzzjoni biex tressaq l-ahjar prova, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs JOSEPH MUSCAT (I.D.265257M)**[7]' fejn gie kkunsidrat li:

*'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt.*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubju jkun dak dettat mir-raguni.' Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l- grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id- dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension'** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April, 2017 (Kump Numru: 455/13)

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Clo. Bartolo) vs Nazzareno sive Reno Zarb'**[8] gie meqjus:

'***Illi l-artikolu 638 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li***

***"Bhala regola , ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti..." u dan in omagg ghar-regola tal-"best evidence". Illi appropozitu l-ARCHBOLD "Criminal Pleading Evidence and Practice". (p.347) jghid :-***

*"It is a general rule that the best evidence of which the nature of the case will admit must be produced, if it can possibly be obtained; if not, then the next best evidence that can be obtained is admitted...... Therefore before secondary evidence is offered, a foundation for it must first be laid, by proving that evidence at first hand cannot be obtained. The best evidence of the contents of a deed or other written instrument is the written instrument itself; secondary evidence is a true copy, or parol evidence of the contents, of the original. Therefore before a copy of a written instrument, or parol evidence of its contents, can be received as proof, the absence of the original instrument must be accounted for, by proving that it is lost or destroyed, or that it is in possession of the opposite party."'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Julian Cutajar'**[9] gie meqjus li:

*'L-appellant qieghed jilmenta illi l-Qorti bbazat il-gudizzju taghha biss fuq l-affidavit tas-surgent li ma jwasslux sal- grad ta' htija fil-kamp penali. Ilmenta illi din l-arma ma gietx esebita l-Qorti u rrifera ghal "best evidence rule" li tfisser li fjen l-ahjar prova tista tingieb allura l- Prosekuzzjoni ghandha ggibha. Skont l-appellant il-kanna ma kienet arma tan-nar regolari imma kienet kanna modifikata, ma kkontestax il-fatt illi meta gie avvicinat mill-pulizija rema din il-kanna jew arma fil-ghalqa.*

---

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Awwissu, 2006 (Appell Kriminali numru: 108/2006)

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Settembru, 2012 (Appell Kriminali Numru: 453/2010)

*Ikkunsidrat.*

*Il-"best evidence rule" hija riprodotta fil-Ligi taghna fl- Artiklu 638 tal-Kap 9 fejn is-sub Artiklu 1 jghid: "Bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma tithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti". Dan l-Artiklu jibda bil-kliem, "Bhala regola", dana ma jfissirx illi ghandu jsir hekk kull darba illi l-Prosekuzzjoni jkollha xi provi izda jkun desiderabli illi jsir hekk. Jekk il-Prosekuzzjoni zzom lura xi prova ghal xi raguni jew ohra dana jista jippregudika biss l-kaz taghha, pero' ma jfissirx illi b'daqshekk m'ghandiex taghti kaz il-provi l-ohra li tkunu gabu. Ghalhekk jekk il-Prosekuzzjoni jidhrilha illi mill-provi li resqet ghandha bizzejjed biex ikollha kundanna, allura f'dan il-kaz tista tieqaf hemm u ma toqghodx tghabbi lill-Qorti b'pizijied zejda. Ghal dak li jirrigwardja l-gudizzju fuq ix-xhieda tas- surgent wiehed anke hawnhekk il-Qorti ghandha r-regoli taghha fejn fl-istess Artiklu 638 (2) jghid; "B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompjuta minn kollox, daqskemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar".'*

Din il-Qorti ghalhekk tqis li ghalkemm huwa desiderabbli li l-Prosekuzzjoni tressaq l-ahjar prova fosthom il-prova ta' lil minn tghajjat vettura permezz ta' xhieda ta' rapprezentant ta' Transport Malta, ma jfissirx li minghajr tali prova, il-prosekuzzjoni ma jkunx irnexxilha tipprova li l-vettura tghajjat lill-appellant. Ghalhekk gialadarba jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma harkitx rapprezentant ta' Transport Malta biex jixhed, jehtieg li din il-Qorti tqis jekk permezz tax-xhieda tal-kwerelanti giex ippruvat li l-vettura in kwistjoni kienet tal-appellant.

Monica Deguara xehdet li '*Peter Paul Muscat beda jipparkja go spazju fejn hemm, kien free biex ghaddu ghal-lift, ma tistax tghaddi sewwa plus li lili qed jizgumbrali l-parking biex tidhol u nohrog bil-liberta' kollha.*' Ghalkemm ma indikatx in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura tal-imputat, hija ghamlet referenza ghar-ritratti esebiti fosthom dokument MD1 fejn jidru parti zghira ta' zewg vetturi izda fejn ma jidhirx in-numru ta' registrazzjoni, spjegat li '*Dan ir-ritratt qed jindika dan il-post li nipparkja jiena.*', '*Dik il-parking bay li hija tieghi. U dan hawnhekk fejn kien hawn l-ispazju vojt. Sewwa? Igifieri hemmhekk m'hemmx parking bay.*' Spjegat li '*Dan ghandu parking bay imma fid-daqqa u l-hin hareg 'il barra, ipparkja.*' Mistoqsija '*Issa, il-karozza qed taghrafha fir-ritratt? Taf ta'*

*min hi l-karozza?'* wiegbet '*Din il-karozza tieghu.*' jigifieri ta' Peter Paul Muscat. Fix-xhieda taghha ghalkemm ma jirrizultax ghal liema ritratt kienet qieghda tirreferi ghalih kompliet tghid '*Din il-karozza hija ta' Peter Paul Muscat hawnhekk fejn qed jizgombra l-ispazju.*' Spjegat kif il-vettura tal-imputat hija tal-ghamla Nissan kulur griza metallic.

Din il-Qorti tinnota li fl-atti gewypprezentati kemm ritratti bil-kulur u anke black and white. Mir-ritratti prezentati bil-kulur fosthom a fol 12 fejn hemm miktub '*Before he had the lines*' tirrizulta karozza griza metallic jew silver bin-numru ta' registrazzjoni 'KBW278', fl-istess l-ewwel ritratt a fol 12 jidher van li jidher li ghandu l-kulur griz, dak izda jidher li huwa pparkeggat f'kaxxa. Din il-Qorti qieghda tifhem li l-vettura in kwistjoni hija dik bin-numru ta' registrazzjoni 'KBW 278'. Monica Deguara spjegat kif '*Jien kellimtu personalment igifieri kemm-il darba. Jibda jghajjat ghax ma tirragunax mieghu.*'

Sandra Camilleri fis-seduta taghha tat-3 ta' Novembru, 2020 xehdet kif '*Beda jipparkja l-karozza Peter Paul Muscat li huwa d-daddy.*' Spjegat kif '*Fis-sajf kien diga' beda jipparkja hemmhekk. U ovvjament beda jimblokka l-via ghal-lift u jaqla' tfixkil ukoll ghal ohti biex tidhol u tohrog mill-parking bay taghha li qieghed vicin.*' Tghid li kelmitu u li r-risposta kienet '"*Hemmhekk tieghi. Hemmhekk kullimkien tieghi" ghax hekk jghidilna.*' Ghalhekk ghalkemm din ix-xhud ma identifikatx il-vettura permezz ta' numru ta' registrazzjoni, spjegat kif missierha kien jipparkja hemmhekk u li imblokka l-via ghal lift u fixkel lil ohtha milli tidhol u tohrog mill-parking bay taghha.

Ghalkemm ix-xhieda ma indikawx in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni u f'xi waqtiet ma huwiex car ghal liema ritratt qieghda ssir referenza, fix-xhieda taghhom huma jaghmluha cara li l-vettura ta' missierhom l-appellant kienet qieghda tigi pparkeggjata fil-post lamentat minnhom. In oltre' gie spjegat kif bl-ipparkeggjar ta' din il-vettura, Monica Deguara kienet qieghda tigi imfixla milli tidhol u tohrog liberament mill-parking bay. Gie indikat fejn hi l-parking bay ta' Monica Deguara u ghalhekk huwa evidenti ghal liema spazju qeghdin jirreferu l-kwerelanti. In oltre' din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet f'pozizzjoni aktar vantagguza stante li semghet lil kwerelanti jixhdu quddiemha u setghet tifhem ahjar

ghal liema ritratti Monica Deguara kienet qieghda tirreferi. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tiddubita dwar il-fatt li l-vettura in kwistjoni hija tal-appellant. In kwantu s-sottomissjoni dwar jekk kienx l-appellant li pparkeggja tali vettura bil-mod lanjat, din il-Qorti tqis li stante li mix-xhieda tal-kwerelanti li huma ulied l-appellant jirrizulta li vettura tghajjat lill-appellant, huwa kien responsabbli ghal tali vettura u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li titella prova li l-kwerelanti jew hadd iehor kienu raw lill-appellant huwa stess isuq u jipparkja l-vettura in kwistjoni. Tant hu hekk li kemm Monica Deguara u anke Sandra Camilleri xehdu li kelmuh lill-appellant dwar din il-kwistjoni, fejn Sandra Camilleri spjegat li l-appellant jghidilha li hemmhekk kullimkien tieghu.  Ghalhekk din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti hemm bizzejjed provi li jikkonfermaw li l-vettura tal-appellant kienet qieghda ipparkeggjata bil-mod kif ilmentaw il-kwerelanti.  Din il-Qorti ma taqbilx li jezistu dubju cari dettati mir-raguni dwar jekk kienx l-appellant li wettaq l-att materjali rikjest sabiex jissussisti r-reat ta' raggion fattasi. Filfatt kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata:

*'Illi d-difiża sostniet illi l-imputat ma jistax jinstab ħati prinċipalment għaliex il-kwerelanti ma xehdux illi fil-fatt kienu raw lill-imputat jipparkja l-istess vettura fl-ispazju inkwistjoni. Illi, filwaqt li hu veru li dan ma qaluhx, pero' qalu illi l-istess vettura hija ta' missierhom, l-imputat. Biex din il-Qorti tillibera lill-imputat, irid ikollha dubju raġjonevoli li l-istess vettura verament ma kinitx tal-imputat. Illi din il-Qorti dan id-dubju m'għandhiex u dan għaliex meta tqis ix-xhieda tal-kwerelanti, hija tqis l-istess xhieda għandha mis-sewwa.'*

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-elementi tar-reat ta' raggion fattasi. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Robert Vella) Vs Carmel Azzopardi'**[10] gie kkunsidrat:

*'Illi l-elementi tar-reat in desamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef William Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza fl- ismijiet 'Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et' (Appell Kriminali 14 t'Ottubru 1994, Volume XXX2, part4, page 768). Dawn jinkludu:*

*a) Att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru: 127/2011)

*esplicitu jew implictu ta' dik il-persuna.*

*b) L-imputat irid jemmen illi qed jagixxi bid-dritt.*

*c) Ix-xjenza ta' l-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite process legali.*

*d) L-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.*

*Illi kif dejjem gie ritenut element important kostitwiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jesercita d-dritt illi hu jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontari fuq propjeta ta' haddiehor. Ghalhekk hemm bzonn li jsir indagni fuq il-movent li jkun wassal lil persuna li kkomettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'li wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu t- tgawdija taghha. Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ga jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lil terz jew ifixxklu fil-pussess tal-haga.*

*Ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Special Volume 5, para 2850): 'l-Atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e nel attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche la legge protegga 'stato quo' il quale non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della Awtorita Gudiziale.'*

*Issa fil-kaz in ezami hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet, l-appellant u Andrew Agius dwar il-propjeta li titkostitwixxi l-passagg illi jaghti access ghal ghelieqi aktar 'l isfel fl- irdum. F'dan il-passagg jew triq hemm ghar illi jidher illi ghandu tgawdi minnha l-appellant. Dan l-ghar hu maghluq b'hajt u f'xi zmien dan il-hajt twaqqa'. Il-Parte Civili Agius, qieghed jilmenta illi meta l-appellant rega' beda dan il-hajt, dan sporga fit-triq, fi propjeta' tieghu u ghamel dan il-passagg ta' din it-triq aktar perikoluz peress illi n-naha l-ohra tat-triq fuq il-lemin, inti u niezel, hemm l- irdum.*

*L-appellant jghid illi l-passagg huwa komuni pero jaf ukoll illi l-Parte Civili Agius, irregistra l-passagg f'ismu. Iz-zewg partijiet jikkontendu illi hemm hafna kawzi civili bejniethom pero jidher li Agius ghandu l-pussess ta' l-art quddiem l- ghar, fuq liema art l-appellant ipparkja l-vann tieghu b'tali mod illi mpedixxa l-passagg liberu ghal-utenti l-ohra ta' l- istess passagg. Ir-ritratti esebiti f'dawn l-atti juri l-vann ipparkjat fit-triq, liema vann jidher f'zewg*

*pozizzjonijiet differenti. Jidher ukoll borg gebel sporgut fil-passagg b'tali mod li jkun ostakolu ghal min ikun qed juza' din it-trejqa.*

*Fuq l-iskorta ta' dawn irrizultanzi proceswali, l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tistrieh fuq il-provi tal-Parte Civili li kellhom dritt li jghaddu minn dan il-passagg minghajr ma jkun ostakolat minn xi xoghol jew ingenji ta' l-appellant. Ghalhekk l-appellant ma setghetx di "privato braccio" jaqbad u jiehu dak illi kien jipretendi li hu tieghu u jibda jahdem fuq it-trejqa u ostakolha anke jekk stess haseb li kellu d-dritt jaghmel hekk.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Spettur Antonello Grech V MICHAEL PORTELLI'</u>**[11] gie kkunsidrat:

*'Illi jigi rilevat li l-azzjoni bazata fuq l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigia bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li **Sir Andrew Jameson**, meta kien qed jigi abbazat l-Kodici Penali Malti, kien osserva fir- rapport tieghu fir-rigward li:*

*"It is doubtful whether acts of this kind could not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict on claim for damages..." [vide **Professur Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law – parte speciale Vol II**]*

*Ir-reat ta' ragion fattasi mhux meqjuz bhala reat kontra l- proprjeta izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal- gustizzja w amministrazzjonijiet pubblici ohra.*

*Dan l-artikolu tal-ligi 85 tal-Kap 9 jittutela <u>l-pussess</u> u mhux il-proprjeta. [vide **Il-Pulizija v Joseph v deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Ottubru 2001**].*

*Fil-fatt gie enuncjat fis-sentenza **Il-Pulizija v John Vassallo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t- tnejn w ghoxrin ta' Marzu 1991** li:*

*"Taht l-artikolu 85 ma hemm ebda bzonn li jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minnhekk. Id- dicitura tal-artikolu <u>hija cara</u> u l-legislatur certament ried li jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anke fis- semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll, kif gie ripetutament deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali, anke is- semplici drittijiet normalment konpetenti lil persuna koncernati."*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Lulju, 2006 (Numru: 484/2004)

*L-ispiritu dwar dan r-reat jispjegah il-**Carrara** bhala d- disprezz lejn il-proceduri gudizzjarji:*

*"Lo spirito della gustizia costituisce la indole giuridica di questo reato; e tali spirito ricorre nel caso, tanto intrinsicamente quanto entrinsicamente. Ricorre intrinsicamente perche di fatto il fatto usura la prerogative del Magistrato. Ricorre entrinsicamente perche il privato, cosi facendo mostra di non aver fiducia nel Magistrato." [**Programme Vol V para 2855]***

*Il-**Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar t-tnejn w ghoxrin ta' April 1961**, [vol XLV. 11. 942] fl- ismijiet **Il-Pulizija v Antonia Cremona** qalet li:*

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' ragion fattasi, hija intiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet, ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dik tat-tribunali, meta jista jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretenzjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh, jezercita dawk d-drittijiet li hu jippretendi li ghandu."'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Carmelo Bartolo vs Denise Caruana'**[12] gie meqjus li:

*'Issa kif gustament gie deciz mill-Ewwel Qorti kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li gie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l- vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien fil- pussess taghha qabel dak l-att spoljattiv. Issa li gara f'dan il-kaz kien illi minhabba l-fatt illi l-parti leza ghamel xi zmien jirrisjedi fid-dar ta'l- appellanti, minn liema proprjeta huwa gie imkecci minghajr ma inghata l- oggetti personali tieghu jew ghall ta'l-inqas uhud minn dawn l-oggetti, huwa beda isostni illi l-appellanti kienet qed tipprivah mill-uzu ta' dawn l-oggetti that il-pretensjoni illi dawn huma proprjeta taghha u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn tghaddiehomlu.*

*Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid- decizjoni taghha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il- Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:*

***"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal- Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq***

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Novembru, 2016 (Appell Numru: 541/2015)

***proprjeta`, mobbli jew immobbli.***

***L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil- kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo.***[13]***"'***

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Jane Scicluna'**[14] gie meqjus:

*'Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprpjeta`, mobbli jew immobbli. L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo.'*

Din il-Qorti trid ghalhekk tqis jekk fil-kaz odjern humiex ezistenti l-erba' (4) element tar-reat ta' raggion fattasi u cioe':

a) Att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;

b) L-imputat irid jemmen illi qed jagixxi bid-dritt;

c) Ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite process legali u

d) L-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Quddiem l-Ewwel Qorti gew ipprezentati tlett kwereli u cioe':

1. Kwerela datata l- 4 ta' Settembru, 2019 dwar li f'Awissu 2019 u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel, il-kwerelat ingombra access ghal lift u tarag komuni bil-vettura tieghu fil-livell tal-garages fil-blokka San Jose Plajjet San Pawl;

---

[13] **Il-Pulizija vs Jane Scicluna** – App.Inf. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Frar, 2010 (Appell Numru: 305/09)

2. Kwerela datata l- 20 ta' Jannar ,2020 dwar li fl- 4 ta' Jannar, 2020 u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel, il-kwerelat ngombra access ghal lift u tarag komuni bil-vettura tieghu fil-livell tal-garages fil-blokka San Jose Plajjet Bognor San Pawl il-Bahar;

3. Kwerela datata l- 5 ta' Marzu, 2020 dwar li fl- 4 ta' Marzu, 2020 u fil-granet ta' qabel, il-kwerelat ngombra access ghal-lift u tarag komuni billi penga mal-art post fejn tigi pparkeggiata vettura fil-livell tal-garages fil-blokka San Jose Plajjet Bognor San Pawl il-Bahar. Li konsegwentement imblokka l-access ghal-lift u ghat-tarag mizmum in komun kif ukoll il-parking bay tal-kwerelanta Monica Deguara.

Fit-tlett kwereli, il-kwerelanti talbu sabiex jitressaq Peter Paul Muscat akkuzat taht l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taht kull artikolu iehor li jista' jkun applikabbli ghal kaz odjern u talbu lil Qorti sabiex tordna t-tnehhija tal-inkonvenjent.

L-imputazzjoni in kwistjoni tirrigwarda l-perjodu tal- 4 ta' Marzu, 2020 u fil-granet u x-xhur ta' qabel u ghalhekk din il-Qorti tqis li tkopri t-tlett (3) kwereli li saru u fejn l-allegat ksur ghalhekk sehh fl- 4 ta' Marzu 2020 u fix-xhur ta' qabel u ghalhekk f'perjodu li ma jaqbiz sena qabel l- 4 ta' Marzu 2020. Mix-xhieda ta' Monica Deguara u Sandra Camilleri jirrizulta li l-kwistjoni kienet li l-appellant beda jipparkeggja l-vettura tieghu fil-garaxx tal-blokk ta' appartamenti mhux fl-ispazju ta' parkegg li kien jappartjeni lilu izda f'parti ohra tal-garaxx bil-konsegwenza li kien qieghed jimblokka l-via ghal lift u tarag u anke jfixkel lil Monica Deguara fil-pussess tal-parking space taghha li hija vicin. Monica Deguara fix-xhieda taghha mistoqsija meta ttiehdu r-ritratti wiegbet:

*'<u>Xhud</u>: Dawn ittiehdu way back 2018 '19 xi haga hekk.*

*<u>Qorti</u>: Okay.*

*<u>Dr. Patrick Valentino</u>: '18 jew '19.*

*<u>Xhud</u>: 2019. 2019. Ghax ahna ilna ghamilna l-kwerela. Tlieta ghamilna.*

*<u>Dr. Patrick Valentino</u>: Igifieri ttiehdu qabel ma saret il-kwerela.*

*<u>Xhud</u>: Ijja mela. Mhux ghalhekk hux?'*

Xehdet li l-parking ilhom juzawh mill- 2016 u li l-incident gara fl- 2019. Ikkonfermat li mill- 2016 sal- 2019 il-lift qatt ma kien ikun ingumbrat u dik il-karozza ma kinitx tkun ipparkjata hemmhekk. Li gieli pparkjat it-tifla ta' ohtha izda '*on and off*' u gibdet l-attenzjoni tal-'*condominium*' imma l-affarijiet baqghu jiggravaw.

Sandra Camilleri fis-seduta tat- 3 ta' Novembru, 2020 mistoqsija '*Igifieri meta beda jipparkja? L-ewwel kwerela li saret.*' wiegbet:

'*Xhud: L-ewwel kwerela saret on the 4th of September pero' qabel. Qabel. Dak is-sajf igifieri.*

*Qorti: Tas-sena l-ohra. Tas-sena l-ohra.*

*Xhud: Ezatt. Tat-2019. Fis-sajf kien diga' beda jipparkja hemmhekk. U ovvjament beda jimblokka l-via ghal-lift u jaqla' tfixkil ukoll ghal ohti biex tidhol u tohrog mill-parking bay taghha li qieghed vicin.*'

Ghalhekk jirrizulta li l-vettura tal-appellant kienet qieghda tkun ipparkeggata fil-post in kwistjoni fil-perjodu mertu tal-imputazzjoni. Ghalkemm l-ahhar kwerela u cioe' dik datata l- 5 ta' Marzu 2020 issemmi li l-appellant '*penga ma l-art post fejn tigi pparkeggiata vettura fil-livell tal-garages fil-blokka San Jose Plajjet Bognor San Pawl il-Bahar kif jidher mir-ritratt anness. Konsegwentment imblokka l-aċċess ghal-lift u ghat-tarag mizmum in komun kif ukoll il-parking bay tal-kwerelanta Monica Deguara.*', ma jirrizultax liema kien ir-ritratt anness mal-kwerela u ghalkemm hemm ritratti li juru kaxxi sofor mal-art u ohrajn fejn ma hemmx kaxxi sofor u fejn a fol 12 fejn jidhru zewg ritratti, fuq il-parti ta' fuq tal-pagna hemm miktub '*Before he had the lines*', il-kwerelanti ma xehdux dwar li l-appellant penga mal-art post fejn tigi pparkeggiata vettura u ghalhekk din il-Qorti qieghda tillimita ruhha ghal jekk giex ippruvat li l-appellant ostakola l-access ghal lift u tarag u l-parking bay tal-kwerelanta Monica Deguara bl-ipparkeggar tal-vettura tieghu.

Fl-ewwel lok jirrizulta li hemm ness bejn l-att spoljattiv u cioe' t-tfixkil ghall-access ghal-lift u ghat-tarag kif ukoll il-parking bay ta' Monica Deguara u l-appellant tramite l-vettura tieghu. L-appellant dwar it-tfxkil fil-pussess jissottometti li l-prosekuzzjoni kien jehtigielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li bl-agir tal-appellant, il-kwerelanti gew spoljati fil-pussess ta' hwejjighom.

Jissottometti li kien l-appellant li kkonferixxa lil kwerelanti Monica Deguara u Sandra Zammit b'titolu ta' donazzjoni il-fond de quo ossia l-fond konsistenti fi blokka ta' appartamenti bl-isem 'San Jose, Plajjet Bognor' gewwa San Pawl il-Bahar. Jghid li wara li l-appellant ghamel dan kollu maghhom, il-kwerelanti kellhom il-wicc jaghmlu kwerela kontra missierhom stess ossia l-appellant purament ghaliex skonthom beda jipparkeggja l-vettura tieghu gewwa l-*base level* tal-fond koncernat b'mod li beda jfixxkilhom fil-pussess ta' hwejjighom. Li tali tfixkil, skond il-kwerelanti, beda jsir billi l-appellant beda jipparkeggja l-vettura tieghu b'tali mod li beda jostakola l-mghoddija li taghti ghal lift u ghat-tarag li jaghti ghal livelli soprastanti. Jaghmel referenza ghar-ritratti u jghid li la l-passagg ghal lift u t-tarag ma hu fil-verita imblukkat jew xorta' ohra ostakolat u lanqas ma jidher li Monica Deguara ghandha l-parking bay taghha zgombrata. Jistaqsi xi tfixkil fil-pussess hemm jekk il-passagg li l-kwerelanti qeghdin jghidu gie ostakolat ma huwa filfatt ostakolat xejn? Jissottometti li l-kelma tal-kwerelanti giet kontradetta bil-provi li gew ammessi minnhom stess.

Din il-Qorti fliet ir-ritratti esebiti fejn senjatament dawk f'dawk a fol 12 tirrizulta vettura bin-numru ta' registrazzjoni 'KMW 278' ipparkeggata f'spazju fejn ma hemmx kaxxa. In oltre' mir-ritratti immarkati bhala MD1 u MD2 a fol 16 u 17 jirrizulta li l-passagg bejn iz-zewg vetturi huwa minimu. Tant hu hekk li fir-ritratti immarkati bhala MD1 u MD2, il-vettura hija ipparkeggata b'tali mod li tista' tfixkel l-uzu tal-kaxxa ta' parkegg ta' Monica Deguara. Anke jekk wiehed jifli fol 11 u cioe' ritratti immarkati bin-numru 13, specjalment fit-tieni ritratt fl-istess pagna jirrizulta li ftit hemm spazju bejn iz-zewg vetturi. Ghalkemm la l-lift u lanqas it-tarag ma jidhru fir-ritratti, mix-xhieda tal-kwerelanti din il-Qorti qieghda tifhem li l-access ghal lift u ghat-tarag huwa ostakolat bl-ipparkeggar tal-vettura tal-appellant.

Kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata '*...dak li trid tara din il-Qorti huwa jekk l-aġir tal-imputat b'xi mod fixkilx il-mod kif il-kwerelanti kienu jgħaddu għal-lift sa meta l-imputat beda jipparkja l-vettura kif muri fir-ritratt numru 13. Illi huwa evidenti li tali passaġġ ġie mfixkel, speċjalment jekk ikun hemm vettura oħra pparkjata fil-bay tagħha kif muri fid-dokument MD1.*'

L-appellant fl-appell tieghu jghid li r-ritratti immarkati bhala Dok MD1 u Dok MD2 kjarament juru li bejn vettura u ohra hemm spazju ta' mill-inqas metru u certament wiehed kapaci jghaddi mnn dak l-ispazju facilment u bil-kumdita kollha. Filwaqt li din il-Qorti ma tistax tivverifika hemmx mill-inqas metru bejn iz-zewg vetturi, stante li mix-xhieda tal-kwerelanti jirrizulta li l-access naqas u cioe' '*ma tistax tghaddi sewwa*' bl-ipparkeggar tal-vettura tal-appellant, dan ifisser li anke jekk il-kwerelanti xorta setghu jibqghu jghaddu bejn iz-zewg vetturi, jekk l-access naqas jew il-kwerelanti ma baqghux jghaddu b'mod komdu, l-imputazzjoni tirrizulta xorta. Ghalhekk din il-Qorti tqis li anke jekk il-passagg ghal lift u t-targa ma huwiex imblukkat jew ostakolat kompletament, il-fatt li ir-ritratti juru li l-access bejn iz-zewg vetturi huwa wiehed minimu ifisser li l-kwerelanti gew imfixkla minn dak li kienu jgawdu.

Ikkunsidrat;

L-appellant jaghmel ukoll sottomissjonijiet dwar ftehim inezistenti. Jissottometti li d-difiza esebiet Dok AA konsistenti f'kuntratt ta' donazzjoni relattiv ghal fond 'San Jose, Plajjet Bognor, San Pawl il-Bahar'. Jissottometti li jekk jifli l-kontenut tal-kuntratt jemergi li mill-pjanta annessa, l-ispazju fil-*base level* fejn fih kienet qieghda tigi pparkeggata l-vettura min-numru ta' registrazzjoni 'KBW 278' huwa proprju intiz sabiex iservi ta' parking bay. Dan huwa l-istess spazju li fuqu l-kwerelanti sejsu l-ilment taghhom. Li in kontro-ezami l-kwerelanta Monica Deguara ittentat tirribadixxi dan il-fatt billi qalet li in segwitu ghall-iffinalizzar tal-kuntratt kien sar ftehim bejnha, hutha u l-appellant li fil-*base level* tal-fond kellu jkun hemm sitt parking bays u li l-ispazju li fuqu l-kwerelanti sejsu l-ilment taghhom ma kienx kopert b'dawn il-parking bays. Jistaqsi fejn jinsab dan il-ftehim u kif setghet l-Ewwel Qorti tiehu konjizzjoni ta' ftehim li qatt ma gie esebit in atti. Jissottometti li fl-atti hemm esebit kuntratt bi pjanta li kjarament turi li l-ispazju mertu tal-ilment de quo huwa intiz li jservi ta' parking bay u ghalhekk skond l-appellant, il-Qorti kellha tistrieh fuq kuntratt esebit in atti u mhux fuq ftehim li frankament huwa inezistenti. Jistaqsi fejn jinsab l-*exercise of a pretended right*. Jissottometti li l-prosekuzzjoni kellha tiprova lil hinn minn kull dubju ragonevoli li l-appellant wettaq l-att materjali bl-intenzjoni u l-konoxjenza kif rikjesti mill-ligi. Li l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali li tipprova li l-appellant agixxa bil-hsieb specifiku li jezericta dritt li jahseb li

kellu, kif ukoll li kien konxju tal-fatt li l-agir tieghu kellu jsir permezz ta' awtorita' pubblika, prova li skond l-appellant il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq quddiem l-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat;

Monica Deguara fix-xhieda taghha spjegat li l-parking space '*Inholoq mill-MEPA biex jiffrankaw il-multi u dak jafu diga', all right? U ahna ftehimna li six parking spaces ha jkun hemm. Igifieir hemmhekk kont naf li mhux se jsir parking space.*' Spjegat li '*Il-fehim kien car illi hemmhekk ha jsir six parking space ghax dan jaf li ha jizgombra lili.*' Mistoqsija:

'*Difiza: Tista' sinjura tindikali fejn hu dan il-ftehim fuq il-kuntratt jekk joghgbok? Ghandek il-kuntratt tad-donazzjoni. Tista' tghidli fejn hu dan il-ftehim li qed tallega inti?*

*Xhud: Il-kuntratt -*

*Difiza: Inti qed tghid li hemm ftehim.*

*Qorti: Ieqaf naqra. Sinjura, li qed isaqsik l-avukat hu l-ftehim sar bil-kliem jew inkella gie miktub fil-kuntratt? Dan il-ftehim li qed tghidilna "hemm parking space imma ghall-fini ta' MEPA ghamilnieh" dak fejn sar dak il-ftehim bil-miktub jew tkellimtu bejnietkom?*

*Xhud: le l-ftehim bejnietna li jsir -*

*Qorti: Tkellimtu bejnietkom.*

*Xhud: Ghax ovvjament mal-MEPA.*

*Qorti: Mhux hekk? Okay.*

*Xhud: Bhalma diga' spjegajt hux.*'

Ghalhekk din il-Qorti fehmet li ghalkemm skont il-pjanta a fol 61 jirrizulta li hemm indikati tmien (8) spazji ta' parkegg, liema pjanta ghandha t-timbru tar-Registru ta' L-Artijiet u fejn l-ispazju li llum il-gurnata l-kwerelanti qeghdin jilmentaw dwar l-ipparkeggar tal-vettura tal-appellant, f'dik il-pjanta huwa filfatt indikat bhala parkegg ghal vettura, il-kwerelanti spjegaw kif ghalkemm dan l-ispazju gie indikat bhala parkegg, dan sar biss ai fini ta' dak iz-zmien il-MEPA izda li l-intendiment qatt ma kien li l-ispazju in kwistjoni jintuza bhala spazju ta' parkegg. Gie spjegat li l-ftehim kien li jkun hemm sitt (6) parking spaces u li kull persuna kellu parking space

dedikata ghalih u li ghalhekk dan l-ispazju kellu jithalla vojt u ma kellux jintuza bhala *parking space* anke jekk il-pjanta a fol 61 turi mod iehor.

Kif ikkunsidrat, Monica Deguara spjegat li l-parking space '*Inholoq mill-MEPA biex jiffrankaw il-multi u dak jafu diga', all right? U ahna ftehimna li six parking spaces ha jkun hemm. Igifieri hemmhekk kont naf li mhux se jsir parking space.*' Tghid li l-ftehim kien car li ha jsir *six parking space* u li l-ftehim sar bejn kollha ikluz l-appellant. Sandra Camilleri ukoll giet mistoqsija dwar dan u spjegat li l-parking spaces '*saru biex ahna niffrankaw il-multi*'. Ghalkemm ikkonfermat il-pjanta li hemm fil-kuntratt, spjegat ukoll li l-ftehim ma kienx hekk. Mix-xhieda ta' Monica Deguara jirrizulta li mis-sena 2016 sal-2019 il-lift qatt ma kien ingumbrat u dik il-karozza ma kinitx tkun ipparkegata hemmhekk ghajr li gieli ipparkjat it-tifla ta' ohtha '*on and off*' u gibdet l-attenzjoni tal-'*condominium*' izda l-affarijiet bagqhu jiggravaw. Ghalhekk nonostante l-fatt li skond il-pjanta, il-post fejn il-kwerelanti qeghdin jilmentaw dwar l-ipparkeggar tal-vettura tal-appellant kien filfatt indikat bhala *parking space*, dan ma kienx jintuza bhala parking space u kien biss mis-sena elfejn u dsatax (2019) li l-vettura tal-appellant bdiet tigi ipparkeggata hemm.

Kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata '*Id-difiża sostniet ukoll illi ladarba fil-pjanta annessa mal-kuntratt ta' donazzjoni l-imsemmi spazju huwa mmarkat bħala parking bay, allura ma kien qiegħed isir xejn irregolari billi vettura ġiet ipparkjata fl-istess spazju, ghalkemm ma hemmx parking bay immarkata mal-art. Dan l-argument huwa għal kollox infondat u dan għaliex fil-kwistjoni ta' ragion fattasi dak li jgħodd huwa jekk xi ħadd ġiex imfixkel di fatto minn dak li solitalment kien qiegħed igawdi minnu, f'dan il-każ minn passaġġ liberu għal-lift. Iktar u iktar meta jirriżulta li din kienet saret biss għal kwistjonijiet relatati ma' esiġenzi tal-Awtorita' tal-Ippjanar, liema raġunijiet filwaqt li ma humiex kondiviżi minn din il-Qorti u tikkundannahom, ma jinċidu xejn fuq l-attwali pussess tal-istess spazju li tħalla vojt proprju biex ikun hemm aċċess liberu għal-lift.*'

Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti tikkundanna l-fatt li fuq il-pjanta gew indikati spazji ta' parkeggi lil Awtorita' illum imsejha l-Awtorita' tal-Ippjanar meta tnejn minn dawn il-parkeggi ma kienu qatt intizi biex jintuzaw bhala parkegg, izda dak li huwa relevanti *ai fini* ta' reat ta' raggion fattasi huwa jekk dak li l-kwerelanti kienu jgawdu giex imfixkel. Dan irrispettivament jekk il-ftehim li l-appellant qieghed isejjahlu

'inezistenti' dwar li jkun hemm sitt (6) parking spaces u li ghalhekk dan l-ispazju ma kellux jintuza bhala parking space sarx bil-miktub jew bil-fomm.

In oltre' dwar l-*exercise of a pretended right*, dan jirrizulta mill-fatt li skont Sandra Camilleri meta hija gibdet l-attenzjoni tal-appellant huwa wiegeb '"*Hemmhekk tieghi. Hemmhekk kullimkien tieghi*"' Ghalhekk il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova li l-appellant kellu l-kredenza li l-att qed isir fl-ezercizzju ta' dritt u li in oltre' huwa ghamel 'di braccio privato' dak li messu sar permezz ta' awtorita' pubblika.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li ghalkemm ma tressqux provi sufficenti biex tigi pruvata l-allegazzjoni fil-kwerela datata l-5 ta' Marzu, 2020 li l-appellant penga mal-art post fejn tigi pparkeggiata vettura, tqis izda illi l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib l-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u dan in kwantu li bl-ipparkeggjar tal-vettura tal-appellant huwa fixkel lil Monica Deguara u lil Sandra Camilleri mill-access ghal lift u tarag u anke fixkel lil Monica Deguara fit-tgawdija tal-ispazju ta' parkegg taghha. Ghalhekk mhuwiex il-kaz li s-sentenza appellata mhijiex *safe and satisfactory* anzi jirrizulta li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha abbazi ta' dak ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti u f'din is-sentenza.

L-appellant ma ressaqx aggravju dwar il-piena, liema piena hija fil-parametri tal-ligi u ghalhekk sejra tigi kkonfermata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur